KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
## Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 59 Ħamis 26 ta' April 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:55 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
James Cassar – Viċi-Sindku
Rachel Tua – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier

ASSENTI
Angele Rapa – Kunsillier

RESIDENTI
Ħames residenti min Sta. Margerita daħlu għal-laqgħa biex tiġi diskussa l-materja tagħhom *item* 59.5.1.

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-kunsilliera James Cassar, Rachel Tua, Mark Micallef Costa, Jesmond Gauci u Christian Borg.
Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 57 u 58**

**REF: 57.3.6 Kommunikazzjoni – Il-kuntratt tal-knis.**

Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet f'hiex wasal il-kuntratt tal-knis.
Is-Sindku nforma li ħa jitkellem fuqa waqt il-kommunikazzjoni mis-Sindku.

**REF: 57.4.6 PAMA**

Il-Kunsillier Tanti rigward it-traffiku min Valletta Road.
Is-Sindku nforma li ltaqa' ma uffiċjal ta' Transport Malta, fejn l-uffiċjal qal wkoll li ma jidirlux li hija l-aħħjar soluzzjoni kif inhi preżentament, peress li s-Sindku staqsa dwar il-bankina dejqa, liema bankini hija iktar ta' użu biex jimxi l-ilma magħha peress li t-triq ma tippermettix bankina fuq żewġ naħat.
Is-Sindku nforma li għandu jerġa jiltaqa' ma Transport Malta biex terġa tiġi diskussa din il-problema għalija, peress li l-uffiċjal ma jaqbilx kif inħareġ il-permess mil-Awtorita ta' l-Ippjanar. Għalhekk jrid jiġi nvolut il-PAMA biex naraw kif nistaw nsolvu din il-problema, u kif wkoll x'talbet l-Awtorita ta' l-Ippjanar.
Is-Sindku nforma wkoll li flimkien ma l'eks Sindku Shirley Farrugia, il-Kunsill kien qabel li l-*exit* kella tkun Pantar Road, u t-triq ta' wara l-*ground* tal-futbol kellha tinfed għal wara l-PAMA.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 57 u 58.

Is-Sindku talab sospensjoni tal-minuti, sabiex jiġi diskuss *item* 59.5.1 Sta. Margerita: Triq Dawret il-Wied.

**59.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**59.3.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Skema 2 Manutenzjoni ta' Binjiet tal-Gvern**

Is-Sindku nforma li dwar lis-Skema 2 Manutenzjoni ta' Binjiet tal-Gvern, fejn il-Kunsill ma qabilx li għandu jgħamel ix-xogħol tal-Housing Authority, spiċċajna nissemmew fil-Parlament peress li l-Onor. Alex Muscat staqsa kemm il-Mosta ħa tingħata fondi.
Is-Sindku nforma li hemm Kunsilli oħra aparti l-Mosta li ma aċċettawx li jagħmlu x-xogħol li suppost tagħmel il-Housing Authority.

**59.3.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Kuntratt tal-Knis**

Is-Sindku nforma li għadna mwaħħlin, peress li s-Sindku qed jitlob lil-Monitoring Officer biex jċempillu peress li intbgħatu *emails* u anke 'iprova jċempillu wkoll, biex jiġu 'iċċarati xi domandi. Għax jekk suppost it-*tender* inħareġ bil-MEAT, għalkemm ma kienx hemm *enforcement* li jinħareġ tali, mela allura nridu nwaqqaw it-*tenders* li ġew aġġudikati mhux bil-MEAT, bħal tal-latrini pubbliċi u ta' l-indafa ta' l-uffiċini, pero' ma ġejniex mwaqqfa fuq dawn. Allura aħna fuq dawn qegħdin in-*default,* jew le?

Biex nkunu korretti, ntbagħtet ċirkulari lil Kunsilli kollha, ġurnata wara li għalaq it-*tender* tagħna, biex jinħareġ bħala MEAT, pero' kien hemm ċirkulari oħra li ħarġet f'April 2016 li ħarbitilna. Dawn iċ-ċirkulari ta' proċeduri jinbidlu ta' spiss, u huma wkoll naqra diffiċli biex iżżomm rendikont u tiftakar dawn il-proċeduri kollha, fejn id-dipartiment tal-kuntratti nfurmawna li huma wkoll kultant jsibuha diffiċli li jleħqu mat-tibdiliet.

Il-Kunsilliera preżenti qablu, biex jekk sal-laqgħa li jmiss ma jkollniex risposta mid-dipartiment fuq id-domandi li hemm bżonn jiġu kjarifikati, u titieħed deċizjoni biex inmexxu ħalli dan it-*tender* joħroġ mill-aktar fiss possibli.

### 59.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Tender Contracts Manager
Is-Sindku nforma li kien sar qbil biex joħroġ it-*tender* tal-Contracts Manager, pero' fuq li ġara bit-*tender* tal-knis, s-Sindku ċempel lid-Dipartiment tal-Kuntratti u ġie ssuġeriet li dan it-*tender* joħroġ bħala MEAT. Għalhekk dan id-dokument ħa jinħareġ bil-kriterji tal-MEAT, u qed jerġa jinħadem id-dokument.

### 59.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Festa Qargħasel
Is-Sindku nforma lil Kunsiller Tanti, biex hu flimkien mal-Viċi Sindku Cassar jibdew jaħdmu fuq Festa Qargħasel.
Is-Segretarju Eżekuttiv, fakkret wkoll biex dawk li ħa jagħtu xi tip ta' servizz waqt Festa Qargħasel, jrid jkollhom VAT number biex jkunu jistgħu jitħallsu, u joħorġu rċevuta.
Is-Sindku nforma lil-Kunsillier Tanti li l-*flyer/poster* jrid jkun lest sa Ġunju.

### 59.3.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Lapida
Is-Sindku nforma li l-lapida ħa ssir fir-residenza fejn twieled, trabba u għex Patri Avertan Fenech fi Triq Stivala. L-ispejjes ta' 900 Ewro għal din il-lapida ħa jinqasmu bejn tlett entitajiet; Il-Kunsill, Il-Paroċċa tal-Mosta u l-Provinċja Karmelitana.

### 59.3.6 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Lift
Is-Sindku nforma li x-xogħol fuq il-*lift* il-ġdid għaddej b'ritmu tajjeb, u fil-ġranet li ġejjin għandu jitlesta u jiġi ċċertifikat.

### 59.3.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Arblu
Is-Sindku nforma li ħa jsir arblu fuq il-bejt. L-ispiża mhux ser taqbeż l-€1,500.

### 59.3.8 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Portico tar-Rotunda
Is-Sindku nforma li l-portico qed jiġi restawrat, kif wkoll hemm il-bozzoz li huma maqtugħin. Dawn il-bozzoz kienu saru bil-fondi tal-Ewropa Nostra fl'1997. Dawn se jiswew 1900 Ewro, pero' din id-darba mhux ser jkun hemm spejjes ta' installazzjoni peress li hemm l-iscaffolding diġa, u l-Knisja issa għanda l-*handyman* tagħha.

### 59.3.9 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Attivitajiet
Is-Sindku nforma li ser jsiru żewġ attivitajiet; ġirja ta' 10K kif wkoll *fun* run għat-tfal li jsiru kull sena fil-Mosta mil-AS Libertas, u Penalty Shootout organizzata mil-Kunsill.

Żewġ *trophies* għal l-ewwel raġel Mosti u l-ewwel mara Mostija, fejn l-ispiza ħa tkun ta' madwar 50 Ewro ser jitħallsu mill-Kunsill.

Rigward il-Penalty Shootout il-Kunsill qed jorganizza din l-attivita b'kollaborazzjoni mal-Mosta Youth Nursery, fejn l-attivita ħa tkun miftuħa għal-kulħadd u ħa jingħataw 19 il-*trophy,* fejn l-ispiza ħa tkun ta' madwar 150 Ewro.

Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

### 59.3.10 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Attivitajiet
Is-Sindku nforma li din is-sena hemm ċans li l-Knisja tar-Rotunda tingħata t-titlu ta' Bażilika, u aħna għandna nfakkru dan l-anniversarju kif inhu xieraq. Għalhekk irridu naħsbu f'xi ħaġa li jfakkar dan l-avveniment. Pero' għadu mhux ikkonfermat li dan it-titlu ħa jingħata din is-sena.

**59.3.11 Korrispondenza mis-Sindku - Quotes and Maintenance Agreement Re: CCTV Cameras**

Is-Sindku nforma li wieħed mil-proġetti li ġew approvati mill-Planning Authority huma tas-CCTV *cameras* fil-ġonna. Ġew approvati 13,000 Ewro mid-Development Funds li għandu l-Kunsill, u dawn ħa jsiru fil-ġnien ta' wara l-Knisja, ġnien Blata l-Għolja, ġnien taż-Żokkrija u ġnien ġewwa Sta. Margerita. Ġnien ta' Mlit ħa jsir iktar il-quddiem għax dan għad jrid jsir.

Qiegħed wkoll jinħadem it-*tender*, għas-CCTV *cameras* fejn qed nippruvaw li dawn sa Awwissu jkunu lesti.

Isir wkoll *maintenance agreement,* biex jkollna *cameras* li jaħdmu tajjeb u li jibqaw jaħdmu tajjeb u ssir il-manutenzjoni li hemm bżonn, fejn dan is-servizz ħa jiswa madwar 350 Ewro fis-sena, li jinkludi minimu ta' 4 viżti fis-sena.

Il-Kunsilliera qablu unanimament li l-*cameras* kollha jkunu taħt *maintenance agreement,* u dan irid jkun inkluż mat-*tender* u offrut mal-kuntratt, min jerbaħ l-offerta biex jiprovdi is-CCTV *cameras.*

**59.3.12** Kommunikazzjoni mis-Sindku **– Ħitan tas-Sejjieħ**

Is-Sindku għada l-kelma lil Kunsillier Busuttil biex jirraporta fuq dan il-proġett.

Il-Kunsillier Busuttil qal li ddaħlet l-applikazjoni fid-9 ta' April, fejn hemm wkoll proċess mal-Planning Authority li għadu għaddej. Applikajna għal €93,845 fejn l-persentaġġ ta' 20% tas-somma mhux ħa jitħallas mil-Kunsill, imma hemm skema fejn id-DLG jidħol u jagħmel 95% tal-proġett, u allura l-Kunsill joħroġ 5% flok l-20%.. Il-Vat ta' din is-somma ser jiġi rinbursta mid-Dipartiment permess ta' skema oħra.

Il-ħitan tas-sejjieħ li ħa jibbenefikaw min din l-iskema huma; Triq San Pawl tal-Qliegħa, Vjal Ragusa, Dawret il-Wied u Triq il-Lunzjata.

**59.3.13** Kommunikazzjoni mis-Sindku **– Pjanta ta' Mlit**

Is-Sindku nforma li għadu kif irċieva l-pjanta ta' Mlit, fejn min 470,000 inżilna 370,000, u se terġa tinżel sa 300,000. Il-PAMA ħa joħroġ 230,000 Ewro, u l-Kunsill kien qabel li joħroġ il-kumplament ta' 90,000 Ewro. L-istima bħalissa qegħda ta' 305,000 Ewro *plus* 10% *contingency,* li titla għal 336,000 Ewro. Is-Sindku nforma li bil-*contingency* b'kollox jkun 305,000 Ewro.

**59.3.14** Kommunikazzjoni mis-Sindku **– Claims**

Is-Sindku nforma li l-bord evalwa l-*claims* kollha u ma fadal xejn pendenti. Li fadal li mhux approvati huma xi erba, fejn qegħdin f'idejn l-avukat għax jkunu bgħatu ittra bl-avukat.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bagħtet *reminder* lil-Avukat.

## 59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 59.4.1 Gazetta Mosta Solidali

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-aħħar gazetta ma tqassmitx lil kulħadd, fejn l-anqas uħud mil-Kunsilliera ma rċevuhiex. Is-Sindku nforma li qed jitlob *full refund* lil MaltaPost.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħa titlob biex jiġi stampati 100 gazetta oħra.

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-gazetta li jmiss ħa toħroġ għal l-aħħar ta' Ġunju, fejn ħa jiġi inkluż il-lista ta' knis fit-toroq tal-Mosta.

### 59.4.2 Trasport

Il-Kunsillier Deguara qal li l-aħħar ħarġa kien hemm problema bit-trasport, peress li x-xarabank li bgħatet il-kumpanija Silverstar, kienet żgħira għax kienu 27 ruħ u l-anqas *seat extra* ma kien hemm. Din ix-xarabank bin-numru 152 kienet perikoluża peress li l-bieba ma kienitx tingħalaq, u t-triq kollha nstaq dan ix-xarabank bil-bieba miftuħa, fejn apparti li kienet ta' periklu l-*exhaust* beda dieħel ġewwa.

### 59.4.3 Xitel

Il-Kunsillier Deguara li rċieva lmenti dwar xitel u ħaxix ħażin li hemm bżonn jinqataw u jinżabru. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinxtraw xitel u siġar ġodda, mod speċjalment tal-pjazza, fejn dawn għandhom jinbidlu f'siġar, u dawk li għadhom ħajjin fil-pjazza jitħawlu x'imkien ieħor.
Is-Sindku qal li ma nistawx iktar niddependu fuq kuntrattur.

Il-Kunsilliera Bonnici, staqsiet jekk nistawx wkoll mqar nżidu *dustbin* wiehed. Is-Sindku nforma li ser ineħħu li hemm u nagħmlu l-ġodda.

### 59.4.4 Webcam

Il-Kunsillier Deguara qal li ġie ssuġeriet li ssir *webcam* li tkun *live streaming* fil-pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din kien qed jieħu ħsieba il-Viċi Sindku Cassar. Is-Sindku żied jgħid li jrid jiltaqa ma l-APS biex jisponsorjawa u teħel mal-faċċata tiegħu.

### 59.4.5 Ħabs Kordin

Il-Kunsillier Deguara qal li qed jikkomunika ma l-ispettur għaż-żjara ġewwa l-ħabs li ħa ssir fil-5 ta' Mejju. Qal wkoll li ġie nfurmat li Mostin m'hemx Kordin. Il-Kunsillier żied jgħid li ħa jkun nfurmat meta jkun Mosti ġewwa l-ħabs ta' Kordin.

Il-Kunsillier Deguara ħa jibgħat *email* lil-Kunsilliera biex jiġbor d-dettalji għal din iż-żjara. Is-Sindku talab lil-Kunsillier Deguara biex jistieden wkoll il-Membri Parlamentari Mostin.

### 59.4.6 Ħarġa ta' Ġunju

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa ta' Ġunju ħa tinbidel, u minflok ser issir Ħaġar Qim.

### 59.4.7 Twinning - Milbrae

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-kuntatt ma Milbrae daqt jerġa jibda, peress li nbiddel il-persuna li kienet tikkomunika magħna fil-passat.
Is-Sindku żied jgħid li bħal ma sar fil-passat fuq proġetti marbutin mal-Knisja, intbagħtet ittra fejn qed jintalbu fondi mil-konsulat, *twin sister* Milbrae, u mir-residenti Mostin ġewwa l-Amerika biex forsi jikkontribwixxu għal dan il-proġett.

### 59.4.8 L-annwali tal-Festa

Il-Kunsillier Deguara staqsa dwar l-annwali tal-festa, u x'se jsir. Is-Sindku nforma li ħa jsir ir-reklam ta' Festa Qargħasel.

### 59.4.9 Concrete Imprint

Il-Kunsillier Tanti staqsa jekk hemx żviluppi fuq il-*concrete imprint* li kellu jsir fl-isqaqien. Is-Sindku nforma li ntbatet l-applikazzjoni lil-Planning Auhtority u mal-Lands, u għad trid tintbgħat l-applikazzjoni għad Development Fund, peress li għola l-prezz tal-*concrete imprint* fejn dan jiswa 170 Ewro il-metru kwadru, ikkumparat ma *tarmac* li jiswa 70 Ewro il-metru kwadru.

Is-Sindku nforma wkoll li xi residenti ilmentaw li ma jridux *tarmac,* u meta tkellem ma żewġ periti, nfurmaw lis-Sindku li dan jista jkun ta' periklu għax il-*concrete imprint* jiżloq. U għalhekk is-Sindku staqsa, li jekk vera jiżloq, il-Planning Authority xorta tagħti l-permess?
Is-Sindku nforma, li xorta l-applikazzjoni ħa tibqa biex jsir *concrete imprint* fl-isqaqin. Qal wkoll li waqt laqgħa tas-Sindki kien hemm preżenti żewġ kumpaniji fuq sigurta u kostruzzjoni, fejn illum hawn materjali li huma *anti-slip.* Dawn iż-żewġ kumpaniji ħa jiprovdu *samples* lil Kunsilli fejn ħa jiġu 'ipruvati fejn hemm id-*drop curbs* tal-bankini.

### 59.4.10 Żebgħa fi Triq Kostituzzjoni
Il-Kunsillier Tanti qal li fiż-żmien l'eks Kunsillier Alex Muscat kienet saret talba mil-Kunsill, biex il-*bus bay* tiġi waħda flok tnejn, u jiżdiedu 3 *times parking bays,* fejn waħda minnhom tkun disabled.

Is-Sindku nforma li kemm il-darba ġġieled fuqa, fejn wara li din kienet approvata bil-kliem meta saret laqgħa ma Transport Malta is-Sur Domenic Vella flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Waqt din il-laqgħa qbilna wkoll li jinqasmu l-ispejjeż. Min dak in-nhar l-hawn inbiddel l-uffiċjal u beda jieħu ħsieb is-Sur Tommy Debono, u ġiet irrifjutata t-talba tal-Kunsill.
Is-Sindku nforma li talab lis-Sur Debono biex jerġa jtella t-talba għal-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta. It-talba itellet quddiem il-kumitat, fejn is-Sindku ma setgħax jattendi għax ġie nfurmat mil-lum għal-għada, u lanqas ma kien preżenti is-Sur Debono, u l-kumitat ma approvaħiex.
Is-Sindku baqa' jirsisti li ssir, u anke ltaqa' mas-Sur Debono fejn ikkonferma li mhux ħa ssir, għax mhux Transport Malta qed tirrifjuta, imma mhux jċedu tal- Malta Public Trasport.

Il-Kunsilliera Bonnici mfurmat li tkelmet mal-Ministeru fejn nfurmawa li ma tistax issir minħabba li jista jinħoloq iktar traffiku ta' karozzi li jifqu ġo *main road* biex jipparkjaw.

### 59.4.11 Traffic Management - laqgħa mal-Perit tal-Kunsill
Il-Kunsillier Tanti nforma li għamel xi tentattivi biex jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill, pero' s'issa għad ma rnexxilux.
Is-Sindku nrorma li l-laqgħa mal-Perit trid tkun waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċju, għalhekk il-Kunsillier Tanti ħa jiprova jagħmel mezz biex idejalment issir laqgħa l-ewwel xogħol filgħodu.

### 59.4.12 Żebgħa
Il-Kunsilliera Bonnici irċeviet ilmenti fuq żebgħa fit-toroq, u ħa tibgħat lista bl-*email* biex jiġu indirizzati.

### 59.4.13 Ismijiet ta' Toroq
Il-Kunsilliera Bonnici rċeviet ilment fejn isem ta' triq għadu ma twaħħalx. Din hija Don Alvaro de Sander.

### 59.4.14 Risposti ta' lmenti
Il-Kunsilliera Bonnici qalet li qed jidħlula ħafna lmenti u għalkemm ma tafx jekk hux vera jew le, qed jinfurmawa li qed jirċievu *acknowledgement* u tieqaf hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-risposta li ngħatu hija *acknowledgement,* imma fl-istess *email* nispjegaw li l-ilment ħa jiġi indirizzat dejjem jekk nistgħu, għax ma jfissirx dak kollu li jitolbu r-residenti jista jsir, aparti li jkun hemm bżonn intervent min awtoritajiet jew entitajiet oħra, u/jew deċizjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat wkoll li mhux dejjem jkun possibli li nerġaw induru l-*emails* kollha, biex nerġaw nagħtu *update* bl'influss ta' korrispondenza u *emails* li jidħlu.
Is-Sindku nforma, li l-*contracts manager* li ħa jiġi impjegat ħa jkollu rwol li jdur l-ilmenti wkoll, biex inleħqu mad-domanda, mhux biss isegwi x-xogħol ta' barra.
Is-Sindku nforma wkoll li biex inleħqu x-xogħol li għandna b'lura, żewġ impjegati qed jidħlu *extra* fil-ġranet li ġeneralment ma jkunux xogħol, u ċertu korrispondenza ta' sustanza jidħol fihom personali, u jirrispondi huwa stess wkoll.

### 59.4.15 Workshop ta' Drama

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat lis-Sindku biex jsir *workshop* tad-*drama,* fejn irridu niċċekjaw jekk hemx post fis-sala għax bħalissa *fully booked.*

## 59.5 Rapporti

### 59.5.1 Sta. Margerita – Triq Dawret il-Wied

Is-Sindku nforma li kif ġie diskuss fil-laqgħa nru. 58, wara li ħareġ id-*draft* ta' konsultazzjoni mil-Planning Authority, il-Kunsill flimkien mar-residenti kienu oġġezzjonaw, u fejn wara nħareġ pjan mil-Planning Authority.
F'dan il-pjan ġiet ippublikata pjanta liema pjanta ġiet imdawra mal-kunsilliera, li kienet turi żona oħra fejn tqajmu xi mistoqsijiet mir-residenti. Is-Sindku nforma la dan mhuwiex *shifting* tal-proġett u ma daħlitx issa fl-iskema, imma huwa spazju li jista jsir *community facilty*, fejn ma jistax jgħola iktar mil-livell tat-triq, u jindika wkoll li l-parti ta' fuq jrid jsir *public open space.* Dawn huma il-linja gwida tal-*policy.*
Is-Sindku nforma li għaddejjin diskussjonijiet bejn il-Knisja u l-Gvern, biex din l-art forsi tkun tista tagħmel użu minnha oħoda il-Knisja u tiżżvilupa f'ċentru pastorali ġewwa Sta. Margerita, pero' għad m'hemm l-ebda indikazzjoni li din l-art ħa tgħaddi mil-Gvern għal-idejn il-Knisja, fejn id-diskussjonijiet imorru lura għal-1989, peress li milli jidher il-garaxx li qed jintuża mil-Knisja bħala ċentru pastorali, fil-preżent mhux jaqdi il-funzjonijiet tal-lum b'mod speċjalment nhar ta' Ħadd.

Is-Sindku nforma li attenda laqgħa msejħa mir-residenti ta' Sta. Margerita, ġewwa ir-residenza tas-Sinjuri Sammut li kienu preżenti għal din il-laqgħa, fejn attendew madwar 30 resident/a. Għal din il-laqgħa tqjamu bosta mistoqsijiet fejn is-Sindku rrisponda uħud minnhom fuq informazzjoni li għandu. Waqt din il-laqgħa xi residenti ma sabux oġġezzjoni li l-wiċċ ma jgħolhiex iktar mil-livell tat-triq, u oħrajn talbu li ma jintmisx xejn u li jibqa kollox kif inhu fil-preżent.

Il-Kunsilliera approvaw li titkellem għal ftit ħin is-Sinjura Connie Sammut, biex tqajjem xi punti f'isem ir-residenti ta' Sta. Margerita, u l-pożiżjoni tagħhom.

Is-Sinjura Sammut qalet li din il-biċċa art ġiet skedata fl-2006. Din hija l-unika bokka li tagħti għal wied, u ladarba tintmiss mil-bini ħa tintilef darba għal-dejjem, anke jekk il-parti ta' fuq jinbiddel f'*open space.* Ir-residenti jixtiequ jkomplu jgawduwa kif inhi, diġa hemm bankina kif wkoll it-triq, għalhekk tista tibqa tiġi nvellata u ssir *olive grove*, u tiġi parti mil-*heritage trail* għal

ġol wied innifsu, għax din hija l-unika aċċess min ġol wied. Is-Sinjura Sammut qalet li r-residenti jifmhu l-pożiżżjoni ta' l-Arċipriet u l-Knisja għax huma għandhom l-għażla, imma r-residenti m'għandhomx, u għalhekk ir-residenti ta' Sta. Margerita jixtiequ li jgawdu u jsebħu dak li għandhom. Fil-fatt is-Sinjura Sammut qalet li hi flimkien mar-raġel tagħha żiedu l-ħamrija u anke ħawlu xi siġar taż-żebbuġ, fejn jżommuwa dejjem nadifa.

Għalhekk is-Sinjura Sammut f'isem ir-residenti ta' Sta. Margerita, talbu biex tiġi ikkunsidrata t-talba tagħhom u ma taqax f'widnejn torox. Is-Sinjura Sammut f'isem ir-residenti ta' Sta. Margerita irringrazzjat il-membri tal-Kunsill.

Is-Sindku rringrazzja lis-Sinjura Sammut, u qal li bħalissa għadejja l-konsultazzjoni fuq id-dokument li jirrigwarda l-pjazza ta' Sta. Margerita, fejn attenda għal-laqgħa mal-kumitat ta' l-artijiet. Iċ-Chairman tal-Planning Authority is-Sur Johann Buttigieg għamila ċara li dan id-dokument huwa biss marbut mal-pjazza, illi l-Kunsill flimkien mar-residenti oġġezzjonaw fuqa.

Is-Sindku nforma li fuq ta' Dawret il-Wied ir-residenti għalkemm jaqblu fuq dan id-dokument, ffirmaw petizjoni, u l-*objection* tgħid biex jibqa kollox kif inhu. Bħala Kunsill irridu naraw li ngħatu *support* lil dan id-dokument, pero' qed ssir talba mir-residenti li jibqa kollox kif inhu, u ma jsirx iċ-ċentru pastorali. Importanti li nżommu f'moħna li Sta. Margerita għal bosta snin oħra ħa tibqa bla ċentru pastorali.

Jekk il-Kunsill jaqbel li dan iċ-ċentru pastorali jsir, ma jfissirx li ħa jsir, aparti li jekk dan il-proġett ħa jġib miegħu influss ta' traffiku u karrozzi, ma jistax jintefa l-piż tat-traffiku fuq toroq oħra tal-viċinanzi. Is-Sindku nforma wkoll, li meta kellu laqgħa mar-residenti, nfurmhom li ma tistax tiżgura li l-Gvern mhux ħa jidħol fi proġett mal-privat, jew li l-Gvern innifsu jagħmel proġett tiegħu. Ir-residenti preżenti qablu li jekk ma tistax ssir ODZ kif kienet qabel, bħala it-tieni preferenza jaqblu mad-dokument li jsir ċentru pastorali, għax m'hemmx garanziji li fil-futur ma jinbidlux l-affarijiet, u tinbena din il-biċċa art.

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma l-Arċipriet biex jekk għandu xi idejat, flimkien mal-Perit tal-Knisja jaqsamhom mal-Kunsill u r-residenti. Is-Sindku talab lil-Arċipriet biex jekk hemm xi idejat u/jew proposti jgħaddihom sat-30 ta' April.

Il-Kunsill qabel mal-*local plan*, għax m'hemx garanzija x'jista jsir fil-futur, peress li ż-żona hija żona li jista jsir żvilupp, sakemm din il-biċċa art ma ssirx ODZ kif kienet fil-passat. Għalhekk jekk għandu jsir xi ħaġa, dan m'għandux jaqbez il-livell tat-triq, u l-Kunsilliera preżenti qablu li ma ssirx oġġezjoni għal dan id-dokument. Jekk il-Knisja tieħu din il-biċċa art, Il-Kunsill qed jofri s-sala biex jsir laqgħa mar-residenti biex jiġu preżentati l-pjanti u l-proposti.

Fit-8:25pm ir-residenti preżenti ħarġu mil-laqgħa.

## 59.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 59.6.1 Skeda ta' pagamenti

L-iskeda ta' pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

### 59.6.2 Purchase Orders

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

59.6.3 **Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

## 59.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:20 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-21 ta' Mejju 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 26 ta' April 2018.

| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| --- | --- |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |